Parlament Ewropew
2024-2029

TESTI ADOTTATI

P10_TA(2025)0279

Is-sikurezza tal-ġugarelli u t-tħassir tad-Direttiva 2009/48/KE

Riżoluzzjoni leġiżlattiva tal-Parlament Ewropew tal-25 ta' Novembru 2025 dwar il-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari bil-ħsieb tal-adozzjoni tar-regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza tal-ġugarelli u li jħassar id-Direttiva 2009/48/KE (09663/1/2025 – C10-0251/2025 – 2023/0290(COD))

(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: it-tieni qari)

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari (09663/1/2025 – C10-0251/2025),

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew tat-13 ta’ Diċembru 2023[1],

– wara li kkunsidra l-pożizzjoni tiegħu fl-ewwel qari[2] dwar il-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill (COM(2023)0462),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(7) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-ftehim proviżorju approvat mill-kumitat responsabbli fis-sens tal-Artikolu 75(4) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 68 tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni għat-tieni qari tal-Kumitat għas-Suq Intern u l-Ħarsien tal-Konsumatur (A10-0227/2025),

---

1 ĠU C, C/2024/1577, 5.3.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/1577/oj.
2 ĠU C, C/2025/1032, 27.2.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2025/1032/oj.

1. Japprova l-pożizzjoni tal-Kunsill fl-ewwel qari;

2. Jieħu nota tad-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni annessa ma' din ir-riżoluzzjoni, li se tiġi ppubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

3. Jinnota li l-att qed jiġi adottat f'konformità mal-pożizzjoni tal-Kunsill;

4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tiffirma l-att, flimkien mal-President tal-Kunsill, f'konformità mal-Artikolu 297(1) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea;

5. Jagħti istruzzjonijiet lis-Segretarju Ġenerali tiegħu biex jiffirma l-att, wara li jkun ġie vverifikat li l-proċeduri kollha ntemmu kif imiss, u biex, bi qbil mas-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill, jipproċedi għall-pubblikazzjoni tal-att f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*;

6. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

ANNESS GĦAR-RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA

DIKJARAZZJONI TAL-KUMMISSJONI FL-OKKAŻJONI TAL-ADOZZJONI TAR-REGOLAMENT (UE) 2025/2509

Il-Kummissjoni tevalwa regolarment u sistematikament l-okkorrenza ta' sustanzi kimiċi perikolużi fil-ġugarelli, filwaqt li tqis l-evidenza xjentifika disponibbli, bil-ħsieb li tadatta l-valuri ta' limitu jew il-kundizzjonijiet għall-preżenza ta' sustanzi jew taħlitiet kimiċi speċifiċi fil-ġugarelli f'konformità mal-Artikolu 46 tar-Regolament (UE) 2025/2509 dwar is-sikurezza tal-ġugarelli. Għal dak l-iskop, il-Kummissjoni se titlob opinjoni mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi dwar is-sikurezza tan-nitrożammini u tas-sustanzi nitrosatabbli fil-ġugarelli, fid-dawl tal-esponiment ġenerali, fi żmien 12-il xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Għall-istess skop, il-Kummissjoni se titlob opinjoni mill-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi dwar is-sikurezza taċ-ċomb, tal-kadmju, tal-merkurju u tal-kromu VI fil-ġugarelli, fid-dawl tal-esponiment ġenerali, fi żmien 24 xahar mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.